SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

15 ta' Ottubru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Servizzi ta' ħlas fis-suq intern – Direttiva 2007/64/KE – Artikolu 45 – Direttiva (UE) 2015/2366 – Artikolu 55 – Xoljiment ta' kuntratt qafas – Direttiva 2014/17/UE – Kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur dwar proprjetajiet immobbli għal użu residenzjali – Artikolu 12(1), (2)(a) u (3) – Prattika ta' rbit – Prattika ta' abbinar – Direttiva 2014/92/UE – Kontijiet ta' pagament – Artikoli 9 sa 14 – Tibdil ta' kont – Obbligu ta' depożitu tad-dħul tiegħu f'kont ta' pagament tal-persuna li ssellef matul tul stabbilit mill-kuntratt ta' self għal korrispettiv ta' vantaġġ individwalizzat – Tul tal-obbligu – Telf tal-vantaġġ individwalizzat f'każ ta' għeluq antiċipat tal-kont"

Fil-Kawża C-778/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Diċembru 2018, fil-proċedura

Association française des usagers de banques

vs

Ministre de l'Économie et des Finances,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Juhász u C. Lycourgos u I. Jarukaitis (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: M. Krausenböck, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Franċiż, minn A.-L. Desjonquères, J. Traband, E. Toutain u D. Colas, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u S. Šindelková, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Triantafyllou u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Frar 2020,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007, L 319, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2009, L 187, p. 5), tal-Artikolu 12(2)(a) u tal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 60, p. 34, rettifika fil-ĠU 2015, L 246, p. 11), tal-Artikoli 9 sa 14 tad-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU 2014, L 257, p. 214), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU 2015, L 337, p. 35, rettifika fil-ĠU 2018, L 102, p. 97).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn l-Association française des usagers de banques (l-Assoċjazzjoni Franċiża tal-Utenti tal-Banek, iktar 'il quddiem l-"AFUB") u l-ministre de l'Économie et des Finances (il-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi, Franza) dwar il-legalità ta' digriet li jiffissa l-perijodu li matulu min isellef jista' jimponi min jissellef id-depożitu tas-salarji tagħha jew tad-dħul ekwivalenti tiegħu f'kont ta' pagament.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2007/64

3 Skont il-premessa 29 tad-Direttiva 2007/64:

"Biex tkun iffaċilitata l-mobbiltà tal-konsumatur, għandu jkun possibbli li l-konsumaturi jtemmu kuntratt qafas wara l-iskadenza ta' sena mingħajr ma jeħlu drittijiet. […]"

4 L-Artikolu 45 ta' din id-direttiva, intitolat "Terminazzjoni", jipprevdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-utent ta' servizzi ta' ħlas jista' jtemm il-kuntratt qafas fi kwalunkwe ħin, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu fuq perijodu ta' avviż. Tali perijodu ma jistax jeċċedi xahar.

2. It-terminazzjoni ta' kuntratt qafas li jkun konkluż għal perjodu fiss ta' aktar minn 12-il xahar jew għal perjodu indefinit għandu jkun bla ħlas għall-utent ta' servizzi ta' ħlas wara li jiskadu t-12-il xahar. Fil-każijiet l-oħra kollha, id-drittijiet għat-terminazzjoni għandhom ikunu xierqa u konsistenti ma' l-ispejjeż."

Id-Direttiva 2015/2366

5 Id-Direttiva 2007/64 tħassret, b'effett mit-13 ta' Jannar 2018, permezz tad-Direttiva 2015/2366. Il-premessa 62 ta' din id-direttiva hija mfassla kif ġej:

"Biex tkun iffaċilitata l-mobbiltà tal-konsumatur, għandu jkun possibbli li l-konsumaturi jitterminaw kuntratt qafas mingħajr ma jbatu imposti. Madankollu, għal kuntratti tterminati mill-konsumatur qabel sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom ikunu jistgħu japplikaw imposti skont l-ispejjeż imġarrba minħabba t-terminazzjoni tal-kuntratt qafas mill-konsumatur. […]"

6 L-Artikolu 55 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Terminazzjoni", li ssostitwixxa l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2007/64, jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-utent ta' servizzi ta' pagament jista' jtemm il-kuntratt qafas fi kwalunkwe ħin, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu fuq perijodu ta' avviż. Tali perijodu ma għandux ikun itwal minn xahar.

2. It-terminazzjoni tal-kuntratt qafas għandha tkun mingħajr ħlas għall-utent ta' servizzi ta' pagament għajr fejn il-kuntratt ikun ilu fis-seħħ anqas minn sitt xhur. L-imposti, jekk ikun hemm, għat-terminazzjoni tal-kuntratt qafas għandhom ikunu xierqa u konsistenti mal-ispejjeż."

Id-Direttiva 2014/17

7 Il-premessi 15, 24 u 25 tad-Direttiva 2014/17 huma fformulati kif ġej:

"(15) L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li l-konsumaturi li jidħlu f'kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni. […]

[…]

(24) […] L-ikkombinar ta' kuntratt ta' kreditu ma' wieħed jew aktar mis-servizzi jew prodotti finanzjarji f'pakketti hu mezz għall-krediturі biex jiddiversifikaw l-offerta tagħhom u jikkompetu kontra xulxin, sakemm li l-komponenti tal-pakkett jistgħu wkoll jinxtraw separatament. Filwaqt li l-ikkombinar ta' kuntratti ta' kreditu ma' servizz jew prodott finanzjarju wieħed jew aktar f'pakketti jista' jibbenefika lill-konsumatur, dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-mobbiltà tal-konsumatur u l-kapaċità tiegħu li jagħmel għażliet infurmati, sakemm il-komponenti tal-pakkett ma jistgħux jinxtraw separatament. Hu importanti li jiġu impeduti prattiċi bħal dawn bħal pereżempju l-irbit ta' ċerti prodotti li jista' jħajjar lill-konsumatur biex jidħol f'kuntratti ta' kreditu li mhumiex fl-aħjar interess tiegħu, madankollu, mingħajr ma jillimitaw il-prattika ta' abbinar ta' prodotti li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-konsumatur. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikomplu jissorveljaw mill-qrib is-swieq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur biex ikun żgurat li l-prattiċi ta' abbinar ta' prodotti ma joħolqux distorsjoni fl-għażla għall-konsumatur u l-kompetizzjoni fis-suq.

(25) Bħala regola ġenerali, m'għandhomx ikunu permessi prattiċi ta' rbit sakemm is-servizz jew prodott finanzjarju offruti flimkien mal-kuntratt ta' kreditu ma jistgħux jiġu offruti separatament peress li jkunu parti integrata bis-sħiħ tal-kreditu, pereżempju fil-każ ta' ipoteka ggarantita. F'każijiet oħra, jista' jkun madankollu ġustifikat għall-krediturі li joffru jew ibiegħu kuntratt ta' kreditu f'pakkett flimkien ma' kont ta' pagamenti, kont tat-tfaddil, prodott ta' investiment jew prodott ta' pensjoni, pereżempju fejn il-kapital fil-kont jintuża għall-ħlas lura tal-kreditu jew hu prerekwiżit għall-akkomunament tar-riżorsi biex jinkiseb il-kreditu, jew f'sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, prodott ta' investiment jew prodott ta' pensjoni privata jservi bħala garanzija addizzjonali għall-kreditu […]"

8 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", jipprevedi:

"Din id-Direttiva tistipula qafas komuni għal ċerti aspetti ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar kuntratti li jkopru l-kreditu għal konsumaturi ggarantit b'ipoteka jew b'mod ieħor rigward proprjetà immobbli residenzjali […]"

9 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Livell ta' Armonizzazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jżommu jew idaħħlu dispożizzjonijiet aktar rigorużi biex jipproteġu lill-konsumaturi, sakem dawn id-dispożizzjonijiet ikunu konsistenti mal-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni."

10 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/17, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(26) 'Prattika ta' rbit' tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu f'pakkett ma' prodotti jew servizzi distinti finanzjarji oħra fejn il-kuntratt ta' kreditu ma jkunx disponibbli għall-konsumatur b'mod separat.

(27) 'Prattika ta' abbinar (bundling)' tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu f'pakkett ma' prodotti jew servizzi finanzjarji distinti oħrajn fejn il-kuntratt ta' kreditu ikun disponibbli għall-konsumatur b'mod separat ukoll, iżda mhux neċessarjament bl-istess termini jew kundizzjonijiet bħal dawk ta' meta jiġi offrut flimkien mas-servizzi anċillari.

[…]"

11 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, li jinsab fil-Kapitolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Informazzjoni u Prattiki Qabel il-Konklużjonijet tal-Kuntratt ta' Kreditu", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jippermettu prattiki ta' abbinament (bundling) iżda għandhom jipprojbixxu prattiki ta' rbit.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-krediturijistgħu jitolbu lill-konsumatur jew membru tal-familja jew qarib viċin tal-konsumatur:

a) jiftaħ jew iżomm kont ta' pagament jew ta' tfaddil, fejn l-unika raġuni ta' kont bħal dan hija li jiġi akkumulat il-kapital biex jitħallas lura l-kreditu, jew issir manutenzjoni tal-kreditu, biex jinġabru riżorsi biex jinkiseb il-kreditu, jew biex tingħata garanzija addizzjonali għall-kreditur f'każ ta' inadempjenza;

[…]

3. Minkejja paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jħallu li jsiru prattiki ta' rbit meta l-kreditur jista' juri lill-awtorità kompetenti tiegħu li l-prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti marbuta offruti, fuq termini u kundizzjonijiet simili għal xulxin, li ma jsirux disponibbli separatament iwasslu għal benefiċċju ċar għall-konsumaturi meta jitqiesu kif xieraq id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-prodotti rilevanti offruti fis-suq. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal prodotti li jitqiegħdu fis-suq wara l-20 ta' Marzu 2014.

[…]"

Id-Direttiva 2014/92

12 Il-premessi 9 u 12 tad-Direttiva 2014/92 huma fformulati kif ġej:

"(9) Sabiex tiġi appoġġata mobbiltà finanzjarja effettiva u mingħajr xkiel fit-tul, huwa essenzjali li jiġi stabbilit sett uniformi ta' regoli sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mobbiltà baxxa tal-konsumaturi u b'mod partikolari […] biex ikun hemm inċentiv għall-bdil tal-kontijiet tal-ħlas […]

[…]

(12) […] Id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għandhom jikkonċernaw il-kontijiet tal-ħlas li permezz tagħhom il-konsumaturi jistgħu jagħmlu t-transazzjonijiet li ġejjin: ipoġġu fondi, jiġbdu l-flus, u jagħmlu transazzjonijiet ta' ħlas lil partijiet terzi u jirċievu transazzjonijiet ta' ħlas mingħandhom, inkluż it-twettiq ta' trasferimenti tal-kreditu. B'konsegwenza ta' dan, il-kontijiet, il-kontijiet b'funzjonijiet aktar limitati għandhom jiġu esklużi. Pereżempju, kontijiet bħall-[…] kontijiet tal-karti tal-kreditu, fejn normalment jitpoġġew fondi għall-iskop uniku li jitħallas dejn fuq karti tal-kreditu […] għandhom fil-prinċipju jiġu esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva […]. Madankollu, jekk dawk il-kontijiet jintużaw għal transazzjonijiet tal-ħlas ta' kuljum u jekk ikun fihom il-funzjonijiet kollha elenkati hawn fuq, huma ser jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. […]"

13 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jistipula:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(15) 'tariffi' tfisser l-imposti u l-pienikollha, jekk hemm, li huma pagabbli mill-konsumatur lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas għal servizzi assoċjati mal-kont tal-ħlas jew b'rabta magħhom;

[…]"

14 L-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Forniment tas-servizz tal-bdil", jimponi fuq l-Istati Membri li jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas joffru servizz ta' bdil tal-kont lil kull konsumatur li jiftaħ jew iżomm kont ta' pagament mingħand fornitur ta' tali servizzi li jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

15 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/92, intitolat "Is-servizz tal-bdil", jistabbilixxi l-modalitajiet li għandhom jiġu applikati mill-fornituri ta' servizzi fit-twettiq tat-talbiet għal bdil tal-kont tal-konsumaturi.

16 L-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, intitolat "Faċilitazzjoni ta' ftuħ ta' kontijiet transkonfinali għall-konsumaturituħ transkonfinali", jimponi fuq l-Istati Membri li jiffaċilitaw il-ftuħ transkonfinali tal-kontijiet u jiddefinixxi l-modalitajiet tagħha.

17 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Tariffi marbutin mas-servizz tal-bdil", jipprevedi, fil-paragrafi 3 u 4 tiegħu:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas magħha jiġu determinati f'konformità mal-Artikolu 45(2), (4) u (6) tad-Direttiva [2007/64].

4. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti taħt l-Artikolu 10, ħlief dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, ikunu raġonevoli u konformi mal-ispejjeż attwali ta' dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas."

18 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/92, intitolat "Telf finanzjarju għall-konsumaturi", fil-paragrafu 1 tiegħu, jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li kull telf finanzjarju li jirriżulta direttament min-nuqqas ta' osservanza minn fornitur ta' servizzi ta' ħlas tal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 10 jiġi rrimborsat mingħajr dewmien lill-konsumatur.

19 L-Artikolu 14 ta' din id-direttiva, intitolat "Informazzjoni dwar is-servizz tal-bdil", jistabbilixxi l-modalitajiet relatati mal-informazzjoni li l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas huma obbligati li jagħmlu disponibbli lill-konsumaturi fir-rigward tal-bdil ta' kont.

Id-dritt Franċiż

20 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 67(II) tal-loi n° 2016-1691, du 9 décembre 2016, relative à la transparence, à la lutte contre la corruption et à la modernisation de la vie économique (il-Liġi Nru 2016-1691 tad-9 ta' Diċembru 2016 dwar it-Trasparenza, il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Ħajja Ekonomika) (JORF tal-10 ta' Diċembru 2016, test Nru 2):

"Fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, il-Gvern jista' jieħu permezz ta' digriet, f'terminu ta' sitt xhur sa mill-promulgazzjoni ta' din il-liġi, kull miżura rilevanti fil-qasam tal-liġi li tippermetti li jiġu stabbiliti, fl-osservanza tal-Artikolu L. 312-1-2 tal-code monétaire et financier (il-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju), il-kundizzjonijiet li fihom is-sottoskrizzjoni ta' konsumatur għal kuntratt ta' kreditu ipotekarju kif ukoll il-livell tar-rata ta' interessi tiegħu jistgħu jiġu assoċjati mal-ftuħ ta' kont ta' depożitu u mad-depożitu tad-dħul tiegħu, tkun xi tkun in-natura u l-oriġini tagħhom, waqt it-tul tal-kreditu."

21 L-Artikolu L. 312–1 — 2, I., 1, tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jipprevedi:

"Huwa pprojbit il-bejgħ jew l-offerta ta' bejgħ ta' prodotti jew provvisti ta' servizzi ta' abbinar ħlief meta l-prodotti jew il-provvisti ta' servizzi inklużi fl-offerta bħala pakkett ikunu jistgħu jinxtraw individwalment jew meta jkunu indissoċjabbli."

22 L-Artikolu L. 314-1 ta' dan il-kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"Huwa kont ta' pagament, kont miżmum f'isem persuna waħda jew iktar, użat għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas."

23 Skont l-Artikolu L. 313–25 tal-Code de la consommation (il-Kodiċi tal-Konsum), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-ordonnance n° 2017–1090, du 1er juin 2017, relative aux offres de prêt immobilier conditionnées à la domiciliation des salaires ou revenus assimilés de l'emprunteur sur un compte de paiement (id-Digriet Nru 2017–1090 tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar l-Offerti ta' Self għal Proprjetà Immobbli Suġġetti għad-Depożitu tas-Salarji jew Dħul Simili tal-Persuna li Ssellef fuq Kont tal-Pagament) (JORF tat-3 ta' Ġunju 2017, test Nru 13), applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali:

"L-offerta msemmija fl-Artikolu L. 313-24:

[…]

10 Tindika jekk is-self huwiex suġġett għall-kundizzjoni ta' depożitu msemmija fl-Artikolu L. 313-25-1. F'dan il-każ, għandu jissemma t-tul tiegħu, u jekk ikun il-każ l-ispejjeż tal-ftuħ u taż-żamma tal-kont li fih jiġu ddepożitati s-salarji jew dħul simili, kif ukoll in-natura tal-vantaġġ individwalizzat miftiehem bħala korrispettiv mill-persuna li ssellef. L-offerta għandha tippermetti li jiġi identifikat b'mod ċar dan il-vantaġġ billi ssemmi l-kundizzjonijiet, ir-rati u oħrajn, li fir-rigward tagħhom hija ġiet stabbilita, u li jiġu applikati mill-persuna li ssellef jekk ir-rekwiżit tad-depożitu ma jibqax osservat mill-persuna li tissellef.

[…]"

24 L-Artikolu L. 313–25–1 ta' dan il-kodiċi, inkluż f'dan tal-aħħar permezz tad-Digriet Nru 2017–1090, jipprevedi:

"Il-persuna li ssellef tista' tissuġġetta l-offerta ta' self imsemmija fl-Artikolu L. 313-24 għad-depożitu mill-persuna li tissellef tas-salarji jew dħul simili tagħha fuq kont ta' pagament imsemmi fl-Artikolu L. 314-1 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, bla ħsara li din il-persuna li ssellef tagħti lil min jissellef vantaġġ individwalizzat bħala korrispettiv.

Din il-kundizzjoni ma tistax tiġi imposta fuq il-persuna li tissellef għal iktar minn tul massimu stabbilit b'digriet tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat). Fl-aħħar ta' dan it-terminu previst mill-kuntratt ta' kreditu, il-vantaġġ individwalizzat jiġi akkwistat mill-persuna li tissellef sat-tmiem tas-self.

Jekk, qabel it-tmiem ta' dan it-terminu, il-persuna li tissellef ma tibqax tissodisfa l-kundizzjoni ta' depożitu hawn fuq imsemmija, il-persuna li ssellef tista' tittermina, għall-iskadenzi li jkun fadal sat-tmiem tas-self, il-vantaġġ individwalizzat imsemmi fl-ewwel paragrafu, u tapplika l-kundizzjonijiet, rati jew oħrajn, imsemmija fil-paragrafu 10° tal-Artikolu L. 313-25. […]"

25 L-Artikolu R. 313-21-1 tal-imsemmi kodiċi, inkluż fl-imsemmi kodiċi permezz tad-décret nº 2017-1099, du 14 juin 2017, fixant la durée pendant laquelle le prêteur peut imposer à l'emprunteur la domiciliation de ses salaires ou revenus assimilés sur un compte de paiement (id-Digriet Nru 2017-1099 tal-14 ta' Ġunju 2017 li Jistabbilixxi l-Perijodu li Matulu l-Persuna li Ssellef Tista' Timponi fuq il-Persuna li Tissellef id-Depożitu ta' Salarji jew Dħul Simili fuq Kont ta' Pagament), (JORF tas-16 ta' Ġunju 2017, test Nru 38), jipprevedi:

"It-tul massimu tad-depożitu tas-salarji jew dħul simili msemmi fl-Artikolu L. 313-25-1 huwa ffissat għal għaxar snin mill-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, jew jekk ikun il-każ, mill-emenda tal-kuntratt ta' kreditu inizjali.

Dan il-perijodu terminu fl-ebda każ ma jista' jaqbeż dak tal-kuntratt ta' kreditu."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

26 Fid-9 ta' Awwissu 2017, l-AFUB ippreżentat rikors quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) intiż għall-annullament, minħabba eċċess ta' poter, tad-Digriet Nru 2017–1099.

27 Quddiem il-qorti tar-rinviju, l-AFUB issostni, minn naħa, li d-Digriet Nru 2017–1090, li għall-applikazzjoni tiegħu ġie adottat id-Digriet Nru 2017–1099, jikser l-għan li tiġi ffaċilitata l-mobbiltà bankarja segwit mid-Direttivi 2007/64, 2014/17, 2014/92 u 2015/2366, sa fejn jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jimponu fuq il-konsumaturi d-depożitu tas-salarji jew tad-dħul ekwivalenti kollu tagħhom u, min-naħa l-oħra, li dan id-digriet jikser dan l-istess għan sa fejn jistabbilixxi għal għaxar snin it-tul massimu li matulu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jissuġġettaw vantaġġi individwalizzati għall-konsumaturi għall-kundizzjoni ta' tali depożitu.

28 Il-Ministru għall-Ekonomija u tal-Finanzi jitlob li r-rikors jiġi miċħud.

29 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li d-dispożittiv previst fl-Artikolu L. 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsum jippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jissuġġettaw l-għoti ta' vantaġġ individwalizzat, fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu propost lil persuna li tissellef fir-rigward ta' proprjetà immobbli, għall-kundizzjoni tal-obbligu li tiddepożita s-salarji jew id-dħul simili tagħha f'din l-istituzzjoni matul perijodu ddeterminat, in-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-impenn qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu jwassal għat-telf ta' dan il-vantaġġ.

30 Din il-qorti tikkunsidra li r-risposta għall-motivi mqajma mill-AFUB tiddependi mill-punt dwar jekk, fl-ewwel lok, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17, b'mod partikolari fid-dawl tal-iskop li huma jagħtu lill-kont ta' pagament jew ta' tfaddil, jew id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(3) ta' din l-istess direttiva, jawtorizzawx, minn naħa, li l-persuna li ssellef timponi fuq il-persuna li tissellef, bħala korrispettiv għal vantaġġ individwalizzat, id-depożitu tad-dħul kollu tagħha minn salarju jew simili fuq kont ta' pagament matul perijodu stabbilit mill-kuntratt ta' self, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self, u min-naħa l-oħra, li dan it-tul jiġi stabbilit għal għaxar snin massimu, mingħajr madankollu ma jkun jista' jeċċedi dak tal-kuntratt ta' kreditu.

31 Fit-tieni lok, din ir-risposta tiddependi mill-punt dwar jekk, minn naħa, l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2007/64, l-Artikolu 55 tad-Direttiva 2015/2366 kif ukoll l-Artikoli 9 sa 14 tad-Direttiva 2014/92, dwar l-iffaċilitar tal-mobbiltà bankarja u l-ispejjeż tal-għeluq ta' kont ta' pagament, jipprekludux li l-għeluq ta' kont miftuħ mill-persuna li tissellef mal-persuna li ssellef sabiex tiddepożita fih id-dħul tagħha bħala korrispettiv għal vantaġġ individwalizzat fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu jimplika, li jekk dan iseħħ qabel l-iskadenza tal-perijodu stabbilit f'dan il-kuntratt, it-telf ta' dan il-vantaġġ, inkluż iktar minn sena wara l-ftuħ tal-kont, u min-naħa l-oħra, jekk dawn l-istess dispożizzjonijiet jipprekludux li t-tul ta' dan il-perijodu jilħaq l-għaxar snin jew it-tul kollu tal-kreditu.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva [2014/17] fid-dawl tal-finalità li dan l-artikolu jagħti lill-kont ta' pagament jew ta' tfaddil li l-istess artikolu jawtorizza l-ftuħ jew iż-żamma tiegħu, jew l-Artikolu 12(3) tal-istess direttiva jawtorizzaw, minn naħa, lill-persuna li ssellef tobbliga lill-persuna li tissellef, bħala korrispettiv għal vantaġġ individwalizzat, tiddepożita d-dħul kollu tagħha minn salarji jew simili f'kont ta' pagament għal perijodu ddeterminat fil-kuntratt ta' self, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self u, min-naħa l-oħra, li l-perijodu ddeterminat b'dan il-mod jista' jilħaq l-għaxar snin jew, f'każ li jkun iqsar, it-tul tal-kuntratt?

2) L-Artikolu 45 tad-Direttiva [2007/64], li kien applikabbli u li issa jinsab riprodott fl-Artikolu 55 tad-Direttiva [2015/2366] u l-Artikoli 9 sa 14 tad-Direttiva [2014/92], dwar l-iffaċilitar tal-mobbiltà bankarja u dwar l-ispejjeż sabiex jingħalaq kont ta' pagament, jipprekludu li l-għeluq ta' kont miftuħ mill-persuna li tissellef mal-persuna li ssellef sabiex tiddepożita fih id-dħul tagħha bħala korrispettiv għal vantaġġ individwalizzat fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu jimplika, jekk jingħalaq qabel l-iskadenza tal-perijodu ffissat f'dan il-kuntratt, it-telf ta' dan il-vantaġġ, inkluż jekk jingħalaq iktar minn sena wara l-ftuħ tal-kont u, min-naħa l-oħra,, […] li t-tul ta' dan il-perijodu jista' jilħaq l-għaxar snin jew it-tul totali tal-kreditu?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

33 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(2)(a) u l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2014/17 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-persuna li ssellef timponi fuq il-persuna li tissellef fil-mument tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu dwar il-proprjetajiet immobbli għal użu residenzjali, bħala korrispettiv għal vantaġġ individwalizzat, id-depożitu tad-dħul kollu tagħha minn salarji jew dħul simili f'kont ta' pagament miftuħ ma' din il-persuna li ssellef, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self, u dan matul perijodu li jilħaq għaxar snin jew, jekk it-tul tal-kuntratt ta' self huwa inqas, matul dan it-tul.

34 Mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/17, kif iċċarat mill-premessa 15 tagħha, jirriżulta li din id-direttiva tistabbilixxi qafas komuni dwar ċerti aspetti tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kuntratti li jkopru l-kreditu lill-konsumatur ggarantit b'ipoteka jew kreditu ieħor relatat ma' proprjetajiet immobbli għal użu residenzjali sabiex dawn tal-aħħar jiġu żgurati l-benefiċċju ta' livell għoli ta' protezzjoni.

35 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 12 ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-Istati Membri jawtorizzaw il-prattika ta' abbinar iżda jipprojbixxu l-prattika ta' rbit.

36 Fir-rigward tal-kunċett ta' "prattika ta' abbinar (bundling)", dan huwa ddefinit fil-punt 27 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/17 bħala li jirreferi għall-fatt li jiġi propost jew mibjugħ, fil-forma ta' lott, kuntratt ta' kreditu fl-istess ħin ma' prodotti jew servizzi finanzjarji distinti oħra, peress li dan il-kuntratt ta' kreditu huwa wkoll offrut lill-konsumatur separatament, iżda mhux neċessarjament taħt l-istess kundizzjonijiet bħal meta jiġi offrut b'mod abbinat mas-servizzi awżiljarji.

37 Fir-rigward tal-kunċett ta' "prattika ta' rbit", il-punt 26 tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jiddefinixxih bħala l-fatt li jiġi offert jew mibjugħ, fil-forma ta' lott, kuntratt ta' kreditu fl-istess ħin ma' prodotti jew servizzi finanzjarji distinti oħra, meta l-kuntratt ta' kreditu ma jkunx propost lill-konsumatur separatament.

38 Minn dan isegwi li d-differenza bejn dawn iż-żewġ tranżazzjonijiet li jikkostitwixxu l-prattika ta' abbinar u l-prattika ta' rbit, fis-sens tal-imsemmija direttiva, tinsab fil-fatt li, fl-ewwel tranżazzjoni, il-konsumatur għandu l-possibbiltà li jixtri separatament kuntratt ta' kreditu u prodotti jew servizzi finanzjarji oħra, li huma offerti mill-persuna li ssellef fil-forma ta' lott, filwaqt li, fit-tieni tranżazzjoni, il-konsumatur huwa mċaħħad minn din il-possibbiltà.

39 Madankollu, skont l-Artikolu 12(2)(a) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, minkejja l-projbizzjoni ta' prattika ta' rbit stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li l-persuni li jsellfu jkunu jistgħu jitolbu lill-konsumatur, lil membru tal-familja tiegħu jew lil wieħed mill-qraba tiegħu sabiex jiftħu jew ikollhom kont ta' pagament jew ta' tfaddil li l-għan uniku tiegħu huwa li jakkumula kapital sabiex jiżgura r-rimbors tas-self, li jqiegħdu riżorsi flimkien sabiex jinkiseb kreditu jew li jipprovdu garanziji supplimentari lill-persuna li ssellef fil-każ ta' nuqqas ta' pagament.

40 B'hekk, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 12(1) u (2) tad-Direttiva 2014/17 jirriżulta li, għalkemm din id-direttiva tipprojbixxi, bħala prinċipju, il-prattika ta' rbit, hija madankollu tipprevedi, b'eċċezzjoni għal din il-projbizzjoni, ċerti sitwazzjonijiet strettament regolati li fihom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali tranżazzjoni, u li waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet hija dik prevista fil-paragrafu 2(a) ta' dan l-artikolu.

41 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2014/17 jirriżulta wkoll li dan jirrigwarda biss il-prattika ta' irbit u ma jikkonċernax il-prattika ta' abbinar, li huwa awtorizzat fl-Artikolu 12(1) ta' din id-direttiva.

42 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikolu L. 312–1 — 2, I., 1., tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju jipprevedi li hija pprojbita il-prattika jew l-offerta ta' prattika ta' prodotti jew ta' provvista ta' servizzi ta' abbinar ħlief meta l-prodotti jew il-provvista ta' servizzi inklużi fl-offerta ta' prattika ta' abbinar jistgħu jinxtraw individwalment jew meta ma jistgħux jiġu separati. B'risposta għal talba għal kjarifiki tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju speċifikat li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprojbixxi l-prattika ta' rbit u li tawtorizza l-prattika ta' abbinar, fis-sens tad-Direttiva 2014/17.

43 Barra minn hekk, minn din id-deċiżjoni jirriżulta li l-Artikolu L. 313-25-1 tal-Kodiċi tal-Konsum, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprevedi li l-persuna li ssellef tista' tissuġġetta l-offerta ta' self għall-kundizzjoni ta' depożitu f'kont ta' pagament tal-persuna li tissellef, matul terminu previst mill-kuntratt ta' kreditu, tas-salarji tagħha jew dħul simili f'kont ta' pagament, b'riżerva għal din il-persuna li ssellef li hija tagħti benefiċċju lill-persuna li tissellef bħala korrispettiv ta' vantaġġ individwalizzat. Din id-dispożizzjoni żżid li, fi tmiem dan it-terminu, dan il-vantaġġ jiġi akkwistat mill-persuna li tissellef sa tmiem is-self, filwaqt li tispeċifika li, jekk il-persuna li tissellef ma tibqax tissodisfa l-kundizzjoni ta' depożitu qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu, il-persuna li ssellef tista' ttemm l-imsemmi vantaġġ għall-iskadenzi li għad iridu jiddekorru sat-tmiem tas-self.

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Gvern Franċiż isostni li l-imsemmija dispożizzjoni hija intiża għall-prattika ta' abbinar, peress li l-krediturі huma, skont dan il-gvern, obbligati li joffru lill-konsumaturi kemm kuntratti ta' kreditu ipotekarju li jinkludu klawżola ta' depożitu u ta' kuntratti ta' kreditu ipotekarju li ma għandhomx tali klawżola. L-eżistenza jew le ta' klawżola ta' din in-natura taqa' għaldaqstant fil-libertà kuntrattwali tal-partijiet f'dawn il-kuntratti.

45 Kieku kellu jiġi aċċettat, li hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina dan, li l-Artikolu L. 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsumatur jikkonċerna effettivament il-prattika ta' rbit, peress li l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 ma jkunx applikabbli f'dan il-każ, peress li, kif ġie kkonstatat fil-punt 41 ta' din is-sentenza, din l-aħħar dispożizzjoni tkopri biss il-prattika ta' rbit.

46 Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-portata tal-Artikolu L. 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsum. Hija tindika, fir-risposta tagħha għat-talba għal kjarifiki msemmija fil-punt 42 ta' din is-sentenza, li l-kwistjoni dwar jekk il-possibbiltà prevista minn din id-dispożizzjoni li l-għoti tas-self jiġi suġġett għall-kundizzjoni ta' depożitu u tad-dħul f'kont miftuħ mal-persuna li ssellef għandha tiġi interpretata bħala li tippermetti prattika ta' rbit jew prattika abbinar, tista' tiġi deċiża biss wara r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda preliminari.

47 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll biex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali. Bl-istess mod, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et*, C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-evalwazzjoni definittiva tal-portata tal-Artikolu L. 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsum tappartjeni lill-qorti tar-rinviju, hemm lok, għall-finijiet tar-risposta għall-ewwel domanda magħmula, li tiġi aċċettata l-ipoteżi li dan l-artikolu jipprevedi eċċezzjoni għall-projbizzjoni tal-prattika ta' abbinar prevista fl-Artikolu L. 312-1-2 tal-Kodiċi Monetarju u Finanzjarju, li jikkostitwixxi t-traspożizzjoni tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2014/17 fl-ordinament ġuridiku Franċiż.

49 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar, fl-ewwel lok, jekk l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-persuna li ssellef tista' tirrikjedi li l-persuna li tissellef tiddepożita s-salarji kollha jew id-dħul simili kollu f'kont ta' pagament miftuħ ta' din il-persuna li ssellef, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self, huwa importanti, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jittieħed kont mhux biss tal-kliem ta' dan l-artikolu iżda wkoll il-kuntest tiegħu u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Envirotec Denmark, C-550/14, EU:C:2016:354, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fir-rigward, qabel kollox, tal-kliem tal-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17, għandu jiġi enfasizzat li din id-dispożizzjoni tipprevedi l-possibbiltà għall-persuni li jsellfu li jitolbu lill-konsumatur li jifthu kont ta' pagament jew ta' tfaddil għall-finijiet biss previsti mill-imsemmija dispożizzjoni, jiġifieri li jakkumulaw kapital sabiex jiżguraw ir-rimbors tas-self, iqiegħdu flimkien riżorsi għall-finijiet tal-kisba tal-kreditu jew jipprovdu garanziji supplimentari lill-persuna li ssellef fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas.

51 F'dak li jirrigwarda, sussegwentement, l-għan tad-Direttiva 2014/17, din hija intiża, kif jirriżulta mill-punt 34 ta' din is-sentenza, li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi li jikkonkludu ftehim ta' kreditu dwar proprjetajiet immobbli. Din id-direttiva għandha wkoll l-għan, kif jista' jiġi dedott mill-premessa 24 tagħha, li tipproteġi l-mobbiltà ta' tali konsumaturi kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jagħmlu għażliet b'għarfien sħiħ tal-fatti.

52 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17, għandu jiġi rrilevat, kif jirriżulta mill-punt 40 ta' din is-sentenza, li, għalkemm l-Artikolu 12 ta' din id-direttiva jipprojbixxi, bħala prinċipju, fil-paragrafu 1 tiegħu, il-prattika ta' rbit, peress li tista' tippreġudika l-għanijiet imsemmija fil-punt preċedenti, huwa jipprevedi madankollu, fil-paragrafu 2 tiegħu, is-sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali bejgħ, u li waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet hija dik prevista fil-punt (a) ta' dan l-aħħar paragrafu.

53 Peress li l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali prevista fl-Artikolu 12(1) ta' dik id-direttiva, għandu, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jingħata interpretazzjoni restrittiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Pensionsversicherungsanstalt (Waqfien tal-attività wara l-età tal-irtirar), C-32/19, EU:C:2020:25, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Din l-eċċezzjoni tagħti lill-persuni li jsellfu l-possibbiltà, kif jirriżulta wkoll mill-premessa 25 tal-imsemmija direttiva, li jitolbu l-ftuħ ta' kont ta' pagament jew ta' tfaddil, b'mod partikolari, li jakkumulaw kapital f'kont ta' pagament li jagħmel parti mill-offerta jew mill-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu għall-finijiet tar-rimbors tal-kreditu jew, sabiex dan jinkiseb, għall-finijiet tat-tqegħid flimkien ta' riżorsi, bħala kundizzjoni minn qabel għal din il-kisba. Minn dan isegwi li l-obbligu impost fuq persuna li tissellef li tagħmel id-depożitu tad-dħul tagħha għal tali għan huwa, fil-prinċipju, konformi ma' din id-dispożizzjoni.

55 Madankollu, f'dan il-każ, mill-formulazzjoni tal-ewwel domanda magħmula jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikolu L. 313-25-1 tal-Kodiċi tal-Konsum jawtorizza lill-persuna li ssellef li tissuġġetta l-għoti tas-self għall-kundizzjoni tad-depożitu tas-salarji jew dħul simili kollha ta' persuna li tissellef fuq kont ta' pagament, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, tali possibbiltà offruta lill-persuna li ssellef hija sproporzjonata, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata ma tipprevedix it-teħid inkunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tas-self ikkonċernat marbutin mal-ammont tiegħu, mal-iskadenzi tiegħu u mat-tul tiegħu. Id-depożitu li l-persuna li ssellef hija, b'hekk, awtorizzata tirrikjedi mingħand il-persuna li tissellef jista' minħabba f'hekk jeċċedi, tal-inqas f'ċerti każijiet, dak li huwa neċessarju għar-rimbors tas-self, għall-ksib tal-kreditu jew għall-provvista lill-persuna li ssellef ta' garanzija supplimentari f'każ ta' nuqqas ta' pagament. Issa, fid-dawl tal-elementi rrilevati fil-punti 51 sa 54 ta' din is-sentenza, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jawtorizzaw lill-persuni li jsellfu jwettqu pratti ċi ta' rbit hija offruta lilhom biss bil-għan biss li jilħqu mill-inqas wieħed mit-tliet għanijiet elenkati fl-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17.

57 Kwalunkwe interpretazzjoni oħra ta' din l-aħħar dispożizzjoni, minn naħa, tippreġudika l-għan ta' din id-direttiva, li huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, peress li, f'ċerti ċirkustanzi, il-konklużjoni ta' kuntratt ta' self li jinkludi klawżola ta' depożitu tad-dħul kollu tal-konsumatur irrispettivament mill-karatteristiċi tas-self marbutin mal-ammont tiegħu, mal-iskadenzi tiegħu u mat-tul tiegħu tista' ma tikkorrispondix bl-aħjar mod mal-interessi tiegħu. Min-naħa l-oħra, tali interpretazzjoni tmur kontra l-għan tal-mobbiltà bankarja tal-konsumaturi wkoll imfittex mill-imsemmija direttiva, b'mod partikolari fil-każijiet fejn konsumatur ikun jixtieq jikkonkludi diversi kuntratti ta' self ma' persuni differenti li jsellfu.

58 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-persuna li ssellef li tissuġġetta l-għoti ta' self għall-kundizzjoni tad-depożitu tas-salarji jew tad-dħul simili kollu tal-persuna li tissellef fuq kont ta' pagament miftuħ ma' din il-persuna li ssellef, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self.

59 Hemm lok f'dan ir-rigward jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali hija marbuta, skont il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt intern, li tagħti lil dan id-dritt, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, u li b'hekk tiżgura, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta hija tiddeċiedi l-kawża li tkun adita biha. Dan il-prinċipju jirrikjedi li l-qorti nazzjonali tieħu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali kollu sabiex tevalwa sa fejn dan jista' jiġi applikat b'mod li ma jwassalx għal riżultat li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Koushkaki, C-84/12, EU:C:2013:862, punti 75 u 76, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 55).

60 F'dan il-każ, hija għaldaqstant il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk interpretazzjoni tal-Artikolu L 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsum konformi mal-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 hijiex possibbli. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, kif jirriżulta diġà mill-punt 54 ta' din is-sentenza, jekk din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali setgħet tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-persuna li ssellef li tissuġġetta l-għoti tas-self għall-kundizzjoni ta' depożitu ta' parti biss tas-salarji jew ta' dħul simili tal-persuna li ssellef li jikkorrispondi għal dak li huwa neċessarju għall-finijiet tar-rimbors tas-self, tal-ksib tal-kreditu jew tal-għoti lill-persuna li ssellef ta' garanziji supplimentari fil-każ ta' nuqqas ta' pagament, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva 2014/17.

61 Fir-rigward dwar, fit-tieni lok, jekk l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li t-tul ta' depożitu obbligatorju tas-salarji jew tad-dħul simili tal-persuna li tissellef intaxxat mill-persuna li ssellef jista' jilħaq għaxar snin jew, jekk it-tul tal-kuntratt ta' self inkwistjoni huwa inqas, it-tul ta' dan il-kuntratt, għandu jiġi kkonstatat li din id-direttiva ma tipprevedix limitazzjoni tat-tul li matulu l-persuni li jsellfu jistgħu jitolbu lill-konsumaturi li jżommu kont ta' pagament jew ta' tfaddil miftuħ b'applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jittrasponu l-imsemmija dispożizzjoni fl-ordinament ġuridiku nazzjonali. It-tul massimu ta' depożitu tas-salarji li l-persuna li ssellef huwa awtorizzat jirrikjedi mingħand il-persuna li tissellef jista' għaldaqstant ikun ugwali għal dak tal-kuntratt ta' self ikkonċernat, sakemm, kif jirriżulta mill-punti 56

sa 58 ta' din is-sentenza, il-kundizzjoni ta' depożitu tkun limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet elenkati f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri li l-persuna li ssellef tingħata ċerti garanziji dwar il-kisba jew ir-rimbors tal-kreditu.

62 Għaldaqstant, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għan tad-Direttiva 2014/17, li huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll tal-Artikolu 2(1) tagħha, li jipprevedi li din id-direttiva ma tostakolax lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti intiżi sabiex jipproteġu lill-konsumaturi, għandu jiġi kkunsidrat li l-limitazzjoni *ratione temporis* tal-perijodu li matulu l-persuna li ssellef tista' timponi fuq il-persuna li tissellef id-depożitu tad-dħul tagħha mis-salarju jew simili ma tmurx kontra l-Artikolu 12(2)(a) tal-imsemmija direttiva.

63 Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-vantaġġ individwali li għandu, skont l-Artikolu L. 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsum, jiġi offrut lill-persuna li tissellef, jikkostitwixxi l-korrispettiv tal-ftuħ tal-kont ta' depożitu mal-persuna li ssellef, tali sitwazzjoni taqa' taħt l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17, b'tali mod li ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda fid-dawl tal-Artikolu 12(3) ta' din id-direttiva.

64 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-persuna li ssellef timponi fuq il-persuna li tissellef waqt il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu dwar proprjetajiet immobbli għal użu residenzjali, għal korrispettiv ta' vantaġġ individwalizzat, id-depożitu tad-dħul kollu tagħha mis-salarji jew simili f'kont ta' pagament miftuħ ma' din il-persuna li ssellef, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li t-tul ta' depożitu impost, meta dan ma jirrigwardax id-dħul kollu mis-salarju tal-persuna li tissellef, jista' jilħaq għaxar snin jew, jekk ikun inqas, it-tul tal-kuntratt ta' kreditu kkonċernat.

Fuq it-tieni domanda

65 Fid-dawl tal-formulazzjoni tat-tieni domanda magħmula kif ukoll tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi kkunsidrat li, permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kunċett ta' "spejjeż", fis-sens tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64, tal-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2015/2366, kif ukoll tal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2014/92, għandux jiġi interpretat fis-sens li jinkludi t-telf ta' vantaġġ individwalizzat offrut mill-persuna li sellef lil-persuna li tissellef bħala korrispettiv għall-ftuħ ta' kont ma' din il-persuna li ssellef sabiex tiddepożita fih id-dħul tagħha fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu, ikkawżat mill-għeluq ta' dan il-kont, u, fl-affermaattiv, jekk dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha t-telf ta' dan il-vantaġġ jista' jseħħ sena wara l-ftuħ tal-imsemmi kont.

66 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-Direttivi 2007/64 u 2015/2366, li jikkonċernaw is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, il-premessa 29 tal-ewwel waħda minn dawn id-direttivi u l-premessa 62 tat-tieni waħda minnhom jipprevedu li, sabiex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-klijenti, il-konsumaturi għandu jkollhom, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-fakultà li jxolju mingħajr spejjeż kuntratt qafas. F'din il-perspettiva, l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2007/64 jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-utent ta' servizzi ta' pagament jista' jxolji l-kuntratt qafas f'kull mument sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehmu fuq terminu ta' preavviż u, fil-paragrafu 2 tiegħu, li x-xoljiment ta' tali kuntratt qafas konkluż għal tul ta' iktar minn tnax-il xahar jew għal tul indeterminat ma jwassal għal ebda spejjeż wara l-iskadenza ta' perijodu ta' tnax-il xahar. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 55(1) u (2) tad-Direttiva 2015/2366 essenzjalment jirriproduċu l-kontenut ta' dawk tal-Artikolu 45(1) u (2) tad-Direttiva 2007/64, bl-unika differenza li x-xoljiment mingħajr spejjeż tal-kuntratt qafas issa tippresupponi li dan il-kuntratt ikun ilu fis-seħħ mill-inqas sitt xhur.

67 Fir-rigward, fit-tieni lok, tad-Direttiva 2014/92, mill-punt 15 tal-Artikolu 2 tagħha jirriżulta li jikkostitwixxu "tariffi", fis-sens ta' din id-direttiva, l-ispejjeż u l-penalitajiet eventwali kollha dovuti mill-konsumatur lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal, jew fir-rigward ta', servizzi marbuta ma' kont ta' pagament.

68 L-imsemmija direttiva tipprevedi, barra minn hekk, fl-Artikolu 12(3) tagħha, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż eventwalment iffatturati mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jintbagħtu lill-konsumatur għall-għeluq tal-kont ta' pagament li dan tal-aħħar għandu miegħu jiġu stabbiliti konformement, b'mod partikolari, mal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64, li ġie ssostitwit bl-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2015/2366.

69 Issa, f'dan il-każ, hekk kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 84 u 85 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa paċifiku li t-telf tal-vantaġġ individwalizzat, imsemmi fl-Artikolu L. 313–25–1 tal-Kodiċi tal-Konsum, huwa r-riżultat tal-applikazzjoni ta' klawżola kuntrattwali miftiehma bejn il-partijiet għal kuntratt ta' self, li tissuġġetta l-akkwist ta' dan il-vantaġġ għad-depożitu mill-persuna li tissellef tas-salarji jew dħul simili tagħha mal-persuna li ssellef matul ċertu perijodu, prevista wkoll minn dan il-kuntratt u li, għaldaqstant, dan it-telf huwa l-konsegwenza mhux tal-għeluq tal-kont ta' pagament li huwa miftuħ għall-finijiet tad-depożitu tad-dħul tal-persuna li tissellef mingħand il-persuna li ssellef, iżda tat-tmiem ta' dan id-depożitu. Jidher b'hekk, mingħajr preġudizzju għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li, anki wara t-tmiem ta' dan id-depożitu, tali kont jista' jibqa' miftuħ.

70 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat li t-telf ta' tali vantaġġ ma jistax jitqies li jikkostitwixxi spejjeż iffatturati minn fornitur ta' servizzi ta' ħlas għax-xoljiment tal-kuntratt qafas jew għall-għeluq ta' kont ta' pagament fis-sens tad-Direttivi 2007/64, 2015/2366 u 2014/92. Konsegwentement, il-modalitajiet ta' fatturazzjoni ta' dawn l-ispejjeż, previsti minn dawn id-direttivi, ma humiex applikabbli għat-telf ta' vantaġġ ta' din in-natura.

71 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda magħmula għandha tkun li l-kunċett ta' "spejjeż", fis-sens tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64, tal-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2015/2366, kif ukoll tal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2014/92, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jinkludix it-telf ta' vantaġġ individwalizzat offrut mill-persuna li ssellef lill-persuna li tissellef bħala korrispettiv għall-ftuħ ta' kont ma' din il-persuna li ssellef sabiex tiddepożita fih id-dħul tagħha fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu, ikkawżat mill-għeluq ta' dan il-kont.

Fuq l-ispejjeż

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 12(2)(a) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-persuna li ssellef timponi fuq il-persuna li tissellef waqt il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu dwar proprjetajiet immobbli għal użu residenzjali, għal korrispettiv ta' vantaġġ individwalizzat, id-depożitu tad-dħul kollu tagħha mis-salarji jew simili f'kont ta' pagament miftuħ ma' din il-persuna li ssellef, irrispettivament mill-ammont, mill-iskadenzi u mit-tul tas-self. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma

tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li t-tul ta' depożitu impost, meta dan ma jirrigwardax id-dħul kollu mis-salarju tal-persuna li tissellef, jista' jilħaq għaxar snin jew, jekk ikun inqas, it-tul tal-kuntratt ta' kreditu kkonċernat.

2) **Il-kunċett ta' "spejjeż", fis-sens tal-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, l-Artikolu 55(2) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE kif ukoll l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kont ta' pagament u l-aċċess għal kont ta' pagament b'karatteristiċi bażiċi, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jinkludix it-telf ta' vantaġġ individwalizzat offrut mill-persuna li ssellef lill-persuna li tissellef bħala korrispettiv għall-ftuħ ta' kont ma' din il-persuna li ssellef sabiex tiddepożita fih id-dħul tagħha fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu, ikkawżat mill-għeluq ta' dan il-kont.**

Firem